**Registration number of school:** 307 **Country:** Malta

**Student's database number:** 2008 **Language pair:** EN - MT

**Student's initials:** S. F. **Student's birth year:** 1997

Familja dejjem aktar internazzjonali

Għażiż John,

Nixtieq ngħidlek li dalwaqt insir ġenealoġista professjonali. Grazzi għan-reputazzjoni tiegħi Tom, qiegħda nesplora fil-fond l-arblu tar-razza tagħna. L-għalliema tiegħu tatħom proġett rigward l-identità. Ovvjament, għall-ewwel raha bħala biċċa xogħol xotta u ta' dwejjaq. Sa fejn kien jaf hu, huwa twieled hawn u qatt ma mar jgħix xi mkien ieħor, għalhekk ħareġ biss bl-affarijiet tipiċi tal-primarja, ngħidilhom jien: Leicester hija l-belt amministrattiva ta' Leicestershire fl-East Midlands, u affarijiet oħra ta' dan it-tip. Iżda hu jilħaqlu malajr u realizza li l-proġett tiegħu ma kienx se jkun interessanti. B'hekk, peress li jaf li jien minn dejjem interessajt ruħi fl-istorja, talabni ngħinu. Tajtu li għalkemm illum ngħix f'Leicester, twelidt f'Southampton. Tajtu wkoll li ommu hi minn Portsmouth, u li nannuh l-ieħor ġej minn Ayrshire. Għalhekk Tom mhuwiex kompletament Ingliż, wisq anqas purament mill-Midlands. Bdejt noħsob u l-kurżità għamlet bija. Fittixt fuq l-internet u sibt skoprejt xi fatti affaxxinanti.

Apparentament, wieħed min-nanniet tiegħi huwa dixxendent dirett ta' suldat li kien emigra qrib Bruges wara l-Gwerer Napoleoniċi, fejn iżżewweġ Belġjana. B'kumbinazzjoni, parti mill-familja t'ommi

**Registration number of school:** 307 **Country:** Malta

**Student's database number:** 2008 **Language pair:** EN - MT

**Student's initials:** S. F. **Student's birth year:** 1997

wkoll kienet Belġjana: kienu jaħdmu l-bizzilla u ġew l-Ingilterra fis-seklu sittax. Tgħid kien id-destin li laqqa' lil ommi u missieri flimkien minħabba l-ġeni tagħhom?

Skoprejt ukoll li l-parti Skoċċiża tal-familja għandha xi dixxendenza Spanjola, permezz tal-Irlanda, fejn waslu l-baħrin eżattament wara l-Armada tal-1588. Irriżulta wkoll li l-konnessjonijiet tagħna ma' Portsmouth imorru lura fl-istorja ta' Hampshire għall-miġja ta' William il-Konkwistatur. Għadni ma skoprejtx jekk il-familja kinitx Sassona jew Normanna. Jaf kienet taħlita tat-tnejn.

Qabel ma bdejt din l-avventura, ma kontx irrealizzajt kemm ir-razza tagħna hi mifruxa f'pajjiżi oħra. Din l-iskoperta żgur fetħet għajnejn Tom. Issa sar jaf li huwa Ingliż, mill-gżejjer Brittaniċi, imma li għandu għeruq ukoll fil-Belġju, fi Franza, fi Spanja u f'dik l-art li issa tagħmel parti mill-Ġermanja.

Imma, kif għidtlu jien, il-ħaġa tal-għaġeb dwar l-identità hija li mhijiex biss dwar il-passat jew dwar l-istorja tal-qedem. L-identità għandha x'taqsam mal-preżent (u anke mal-futur). Ottu ilha tgħallem l-Ingliż fi Praga għal sentejn issa u hu qiegħed joħroġ ma' Ċeka, filwaqt li ħuh il-kbir ilu jgħix fit-

**Registration number of school:** 307 **Country:** Malta

**Student's database number:** 2008 **Language pair:** EN - MT

**Student's initials:** S.F. **Student's birth year:** 1997

'il barra minn Porto għal aktar minn ħames snin, u ma juri ebda ħajra li jitlaq minn hemm. Għalhekk jekk jibqgħu fejn qegħdin u jkollhom it-tfal, Tan ikollu familjari Portugiżi u Ċeki wkoll!